BORMLA
Città Cospicua

**Kunsill Lokali Bormla**

# Rapport Annwali Amministrattiv

**Jannar – Dicembru 2013**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **3** |
| **Il-Finanzi** | **4** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **7** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **13** |

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Matul din l-ewwel sena ta' Kunsill Lokali gdid il-hidma taghna kienet tiffoka fuq diversi oqsma. Sa mill-bidunett bdejna niltaqghu ma' Ministri, Segretarji Parlamentari u entitajiet sabiex inwasslu lehinna u naraw kif nistghu nahdmu flimkien biex immexxu Bormla `l quddiem. Il-prijoritajiet kienu diversi fosthom, edukazzjoni, ambjent, infrastruttura, ordni pubblika, kultura u turizmu. Smajna minghand in-nies u se nkomplu nisimghu biex ikunu r-residenti stess flimkien maghna li naghmlu l-hajja taghna l-Bormlizi ahjar. Il-publikazzjoni Beltna Bormla kienet ukoll esperiment li ntlaqghet tajjeb mill-Bormlizi – taghti lok lill-kusilliera jsemmghu lehinhom, tghinna nwasslu l-messaggi u l-hsibijiet taghna, tghinna naqsmu s-sabih li Bormla toffri u fuq kollox huwa mezz ta' kif il-Kunsill Lokali ta' Bormla jasal f'kull dar fil-lokal taghna. Hdimna id f'id mal-pulizija tad-distrett, Arcipriet u diversi ghaqdiet ghaliex nemmnu li flimkien nistghu naghmlu d-differenza.

Konvinta li bil-koperazzjoni ta' kulhadd se naslu.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Bormla jew kif inħi magħrufa, il-Belt Cospicua, għandħa popolazzjoni ta' madwar 5,800. Għalhekk, skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Bormla huwa kompost minn seba' Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn Assistent Uffijal Principali, Ufficjal Eżekuttiv u Skrivan. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċizjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali, jiġi ffaċilitat bil-ħidma tas-Sotto Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali. Ix-xogħol tas-Sotto Kumitati huwa li jiddiskutu u jressqu proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali li mbagħad jiġu nklużi fil-pjan ta' ħidma tiegħu meta jkunu approvati fis-seduti.

### 2.2 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-sur Joseph Caruana | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat shih tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani. |
| Is-sur Brian Loffreda | Assistent Uffiċjal Prinċipali – Responsabbli mill-amministrazzjoni, sezzjoni finanzi, relazzjoni mal-klijenti u xiri ta' servizzi |
| Is-sinjura Ramona Falzon Gatt | Ufficjal Eżekuttiv – Responsabbli mill-book-keeping, relazzjonijiet mal-klijenti, cash office u xoghol ta' rutina fl-ufficcju |
| Is-sur Lydon Vella | Skrivan – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti u cash office |

## *3.0 Il-Finanzi*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

### ID-DĦUL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2013 kienet ta': | € 415,647 |
| Dhul supplimentari minghand il-Gvern (allokazzjoni ghall-Wasteserv) | 13,488 |
| **Dħul minn Bye-Laws ta' € 2,610** | |
| Permessi | 2,610 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' € 2,931** | |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet (imħallsa) | € 822 |
| Sentenced Cases - Accrued Income | (€ 985) |
| Kummissjonijiet | € 3,094 |
| **Interessi ta' € 394** | |
| L-Interessi mill-Bank laħqu s-somma ta' | € 394 |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidħer taħt Dħul Ġenerali ta' € 48,230** | |
| Kontribuzzjonijiet | € 9,714 |
| Tender Documents | € 2,150 |
| Receivables – Dawl u Ilma (Grounds Peppi Delceppo) | € 4,648 |
| Grants | € 30,558 |
| Reklamar fil-Gurnal tal-Kunsill | € 1,160 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2013 kien ta'** | **€ 483,300** |

**L-INFIQ**

**Is-Salarji, Onorarja u allowances b'total ta'** **€ 106,514**

**Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' € 32,883**

| | |
|---|---|
| Toroq u bankini | € 575 |
| Patching | € 648 |
| *Office Furniture & Fittings* | € 421 |
| *Public Property* | € 26,919 |
| *Tabelli tat-Traffiku* | € 752 |
| *Tiswijiet ohra* | € 2,757 |
| Road Markings | € 811 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' € 204,627**

| | |
|---|---|
| Gbir ta' Skart | € 84,899 |
| Gbir ta' Bulky Refuse | € 13,093 |
| Kiri u Tbattil ta' Skips | € 165 |
| Tipping Fees | € 37,754 |
| Servizzi addizzjonali ta' tindif | € 106 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | € 35,400 |
| Tindif u Attendenza – Latrina Pubblika | € 12 |
| Tindif ta' l-Ufficcju | € 5,153 |
| *Tindif u Manutenzjoni ta' Soft Areas* | € 21,276 |
| Street Lighting | € 6,769 |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra € 136,069**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etċ. | € 9,967 |
| Materjal | €4,327 |
| Materjal tat-Tindif | € 413 |
| Uniformijiet | € 1,637 |
| *Kera* | € 2,268 |
| *Partecipazzjoni f'Laqghat Nazzjonali* | € 849 |
| Printing | € 862 |
| *Stationery* | € 2,075 |
| Posta | € 282 |
| Spejjeż tal-Librerija | € - |
| Manutenzjoni ta' Vetturi | € 803 |
| *Fuel* | € 948 |
| Trasport | € - |
| Vjaggar | € - |
| E-Govt u Web Space | € 361 |
| Reklamar | € 392 |
| Publikazzjonijiet u Newsletters | € 3,677 |
| Insurance | € 2,114 |
| Bank Charges | € 186 |
| Librarian | € 2,531 |
| IT Development Services | € 1,885 |
| Town Planning | € 600 |
| *Servizz ta' Accountant* | € 3,939 |
| *Rimborsi lill-istaff* | €256 |
| *Ospitalita* | € 2,927 |

| | |
|---|---|
| *Subscriptions* | € 5 |
| *Social Events* | € - |
| *Spejjez Legali* | € 1,101 |
| *Jum il-Kunsill* | € 2,584 |
| *Spejjez kontrattwali* | € 3,477 |
| *Attivitajiet Kulturali* | € 12,677 |
| *Progetti ta' l-EU* | € - |
| *Donazzjonijiet* | € - |
| *Spejjez ancillari* | € 2,384 |
| *Asset Disposals* | € - |
| *Provizjoni ghal Dejn mhux rekuperabbli* | €31,083 |
| *Amortisation – IT Development* | € 96 |
| *Deprezzament ta' Assi* | €39,363 |
| **Totali** | **€480,093** |

## *4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill*

### 4.1 LAQGHAT TAL-KUNSILL

Matul is-sena 2013, is-seba Kunsill Lokali iltaqa' tmintax (18) il-darba. L-attendenza tal-Kunsilliera kienet kif gej:

| Isem | Attendenza | Skuzat | Assenti | Total |
|---|---|---|---|---|
| Alison Zerafa | 18 | - | - | 18 |
| Ivan Agius | 12 | 5 | 1 | 18 |
| Noyah Spiteri | 12 | 6 | - | 18 |
| Pablo Cachia Belli | 16 | 2 | - | 18 |
| James Cauchi | 14 | 4 | - | 18 |
| Alfred Attard | 16 | 2 | - | 18 |
| Roderick Mamo | 15 | 3 | - | 18 |

### 4.2 Responsabbilitajiet

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jinghata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jahdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' hidma tal-Kunsill ikun iffacilitat.

Ghal dan il-ghan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera kif mghotija mis-Sindku huma dawn:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | Edukazzjoni, EU Affairs, Infrastruttura u PR. |
| Ivan Agius | Ordni Pubblika, Ħarsien tal-Ambjent u Immaniġġjar tat-Traffiku. |
| Noyah Spiteri | Investiment, Ħwienet u Kummerċ. |
| Pablo Cachia Belli | Sports, Turiżmu u Innovazzjoni |
| James Cauchi | Drittijiet tal-Annimali u Persuni b'Diżabbilita' |
| Alfred Attard | Saħħa u Anzjani |
| Roderick Mamo | Żgħazagħ, Kultura u Għaqdiet. |

## 4.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:




## 4.4 Rapport ta' Hidma fl-oqsma tal-Edukazzjoni, EU Affairs u Infrastruttura

**<u>EDUKAZZJONI:</u>**

- ✓ Gie ppublikat l-istudju li t-tfal/zghazagh Bomrlizi hadmu fuqu matul is-sena 2012/2013 "Don Milani f' Bormla".
- ✓ Flimkien mad-direttorat tal-Life Long Learning gew organizzati korsijiet bazici fil-Malti u Ingliz ghall-adulti.
- ✓ Kartolini tal-Milied – Gie mniedi konkors tat-tpingija ghal disinji tal-kartolini tal-Milied. Il-partecipanti kienu tfal li jattendu l-iskola Primarja ta' Bormla mghejuna mill-ghalliema tal-arti. Il-kartolini maghzula gew stampati u mqassma fid-djar kollha f'Bormla
- ✓ Il-Kunsill Lokali ta' Bormla flimkien mal-Forum tal-President u l-Principal tal-kullegg Santa Margerita qed jahdem fuq programm edukattiv ghal tfal/zghazagh ta' bejn il-hmistax u t-tmintax–il sena li hargu mis-sistema tal-edukazzjoni. L-ghan huwa li nghinuhom javvanzaw fil-hajja taghhom u jkunu adulti produttivi u indipendenti. Il-programm se jkopri topiks bhal self-esteem, lingwagg, kommunkiazzjoni u self-help skills.
- ✓ Korsijiet tal-kompjuters fis-sajf 2013 b'xejn.

- ✓ F'Awwissu 2013, il-Kunsill Lokali ltaqa` mal-Ministru tal-Edukazzjoni fejn fost affarijiet ohra ddiskuta l-problema tat-tfal li jattendu l-iskola ta' Bormla. Gbidna l-attenzjoni tal-awtoritajiet li dawn it-tfal ma kellhomx fejn jilaghbu u jaghmlu l-lezzjonijiet tal-PE. Il-Kunsill talab ukoll biex jigi provdut transport b'xejn ghal dawk it-tfal li joqoghdu l-aktar 'il boghod mill-iskola. F' Settembru stess gejna nfurmati mill-istess Ministru li kien se jibda x-xoghol fil-grawnd. Il-grawnd inghalaq parti minnu biex jintuza mit-tfal u inghata t-turf. It-trasport gie provdut ukoll mill-bidu tas-sena skolastika 2013.

**INFRASTRUTTURA:**

Fl-2013, Bormla inghatat spinta kbira l-quddiem f'dak li ghandu x'jaqsam mal-infrastruttura. Dan sar grazzi ghall-ghajnuna kbira li l-Kunsill Lokali sab mill-Gvern Centrali bl-intervent tal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura.

**Bacir Nru. 1**

Il-progett tal-Bacir Nru. 1 mexa b'ritmu tajjeb hafna u sal-ahhar ta' Dicembru tlesta l-gnien li jsebba ic-centru ta' Bormla, Pjazza Paolino Vassallo, Triq Santa Tereza, Triq ix-Xatt kif ukoll beda x-xoghol fuq Pjazza Gavino Gulia.

**Misrah il-Familja**

Wara snin ta' diskussjonijiet mal-Gvern Centrali li jmorru lura sahansitra sal-2005, matul l-2013, bl-intervent dirett tal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura inghata bidu dan il-progett li tant kien mistenni. Il-progett tlesta fi ftit xhur u gie inawgurat ufficjalment f'Ottubru 2013. Ix-xoghol ikkonsista fit-trasformazzjoni ta' art pubblika f'post ta' rikrejazzjoni mill-isbah li jinkludi wkoll bandli ghat-tfal. Barra minn hekk, giet immodernizzata l-binja tal-Cospicua Rangers Club.

**Pavimentar fi Triq il-Kuncizzjoni**

Fix-xhur tas-sajf, inghata bidu wkoll ghax-xoghol ta' pavimentar f'parti minn Triq il-Kuncizzjoni, sewwa sew fil-parti fejn hemm id-dhul ta' St. Angela Nursery School. Dan sar ukoll grazzi ghall-intervent tal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura bil-ghan li din il-parti tat-triq tkun anke tista' tintuża mill-istudenti tal-iskola.

**Toroq godda**

Il-Kunsill Lokali baqa jinsisti ma' Transport Malta dwar il-htiega li Kortina San Nikola, Sur Santa Liena u Sur San Pawl jinghataw it-tarmac peress li huma l-unici toroq f'Bormla li kemm ilhom li nbnew baqghu ma naghataw tarmac. It-talbiet tal-Kunsill Lokali gew milqugha u Transport Malta bdiet bil-process biex jigu ppubblikati l-offerti ghal dan ix-xoghol.

**Triq il-Pellegrinagg**

Il-Kunsill Lokali ghamel diversi rappreżentazzjonijiet mal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura biex bhala parti mill-progett tal-Bacir Nru. 1, isir xoghol ta' pavimentar u resurfacing ta' Triq il-Pellegrinagg. Il-Gvern Centrali qabel mat-talba tal-Kunsill Lokali u wara li jsiru l-proceduri necessarji, ix-xoghol mistenni jinghata bidu fl-2014.

**Progetti ta' Tisbieh u Holqien ta' Aktar Spazji ta' Parkeggi**

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali issottometta l-applikazzjonijiet necessarji ghall-permess tal-izvilupp sabiex fi Triq Alessandra biswit l-iskola

Sekondarja Bniet, jigi zviluppat gnien ta' rikrejazzjoni kif ukoll jinholqu madwar 20 post gdid ta' parking. Applikazzjoni ohra giet sottomessa lill-MEPA sabiex dan il-kuncett ikun applikat ukoll fi Triq Rikkardu Taylor. Il-permessi nhargu u x-xoghol inghata bidu fl-2014.

**Ballavostri Godda fi Pjazza Santa Margerita**
Il-Kunsill Lokali ntervjena biex tnehha l-periklu li kien jezisti fi Pjazza Santa Margerita u gew mibdula l-ballavostri kollha kif ukoll parti kbira tas-soprabank li kienu jdawru Pjazza Santa Margerita.

**Bankina fi Triq Dr. Carmelo Mifsud Bonnici**
Bankina li kienet ilha snin mitluba, giet mibdula fl-2013.

## 4.5 Rapport ta' Hidma dwar l-Ordni Pubblika, Harisen tal-Ambjent u Immaniggjar tat-Traffiku

**Ordni Pubblika**
Il-Kunsill Lokali matul l-2013 zamm laqghat regolari mal-Pulizija bil-ghan li jkun hemm aktar kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali u allura jkun hemm impenn akbar mill-Korp tal-Pulizija biex tigi nfurzata l-ligi. Il-Kunsill hadem bla heda biex il-percessjoni tar-residenti dwar il-Pulizija tinbidel ghall-ahjar u l-Pulizija tkun aktar fdata. Apparti l-laqghat regolari li nzammu mal-Pulizija tad-Distrett, inzammu laqghat mal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll ma' rapprezentanti tal-Ministeru tal-Intern.

Il-Kunsill Lokali wkoll ghamel il-parti tieghu fejn fl-aktar zona maghrufa mal-Pulizija u fejn kontinwament kienu dehlin rapporti dwar vandalizmu u diversi abbuzi ohra, iddecieda li jinstalla CCTV f'Wesghet il-Knisja tan-Nattivita b'access dirett ghall-vizwali fl-ghassa tal-Pulizija. L-intenzjoni tal-Kunsill Lokali hija li fix-xhur li gejjin, din is-sistema ta' CCTV tkompli tigi zviluppata gradwalment biex jigu koperti zoni ohra madwar Bormla.

**Immaniggjar tat-Traffiku**
Il-Kunsill Lokali ha hsieb li jkun hemm pjan kif iz-zebgha tat-traffiku li tezisti fit-toroq kollha ta' Bormla tkun mantenuta b'mod regolari. Matul is-sena 2013, iz-zebgha tat-toroq giet friskata diversi drabi filwaqt li nbidlu diversi tabelli tat-traffiku.

**Harsien tal-Ambjent**
F'sitwazzjoni fejn il-Kunsill Lokali ftit jista' jaghmel differenza fil-lokalita minhabba n-nuqqas ta' fondi li jircievi fl-allokazzjoni diretta tal-Gvern Centrali, ma jistax jonqos li l-Kunsill jiffoka ferm aktar fuq servizzi kontrattwali l-aktar dwar tat-tindif tat-toroq, gbir ta' skart u zamma u manutenzjoni ta' gonna pubblici.

Saret enfasi kbira fuq il-kuntratturi li jiprovdu dawn is-servizzi f'Bormla u r-riżultati li nkisbu f'da n ir-rigward huma nkoragganti hafna.

## 4.6 Rapport ta' Hidma dwar Drittijiet tal-Annimali u Persuni b'Dizabilita

**Drittijiet tal-Annimali**

Il-Kunsill Lokali, żamm numru ta' laqghat mal-ghaqda CSAF (Cat Society for Abandoned Felines), li kienu allokati s-sit tar-Rock Gate Cemetry fi Triq il-Gublew tal-Fidda. Minkejja, li din id-decizjoni ittiehdet mill-Gvern precedenti l-Kunsill ma fixkel xejn f'dan il-process u dan minkejja wkoll li kien hawn xi oppożizzjoni minn diversi residenti. Il-Kunsill Lokali filwaqt li talab spjegazzjoni fuq dak li sehh, jifhem li CSAF tahdem ghal ghan mill-aktar nobbli fejn numru kbir ta' qtates li jkunu qed jiggerrew fit-toroq tal-Kottonera jingabru u jitpoggew f'ambjent xieraq filwaqt li jinghataw il-kura u l-ikel mehtieg. Dan apparti li l-qtates kollha jigu 'neutered' biex dawn ma jimmultiplikawx. Bi hsiebna nkomplu nahdmu id f'id ma' din l-ghaqda.

**Persuni b'Diżabilita'**

Facilment nistghu inkomplu nelaboraw fuq dak li gie akkwistat mill-Kunsill precedenti plus li inzidu wkoll dak li ipproponejna f`din il-lergislatura ez,

1. Il-proposta li ressaqna ricentament fejn ippropnejna lift li jaghti ghall-Pjazza Gavino Gulia
2. Il-partecipazzjoni taghna mal-Ghaqda Persuni b`Dizabilita
3. Il-proposti mitluba lill-istess Ghaqda
4. Segwit mat-talbiet taghhom lil-istess amministrazzjoni

## 4.7 Rapport ta' Hidma dwar is-Sahha u l-Anzjani

Il-hidma f'dawn iż-żewg setturi toffri sfida kbira. Sfida li tabilhaqq qeghda tingheleb mill-Kunsill Lokali. Matul din is-sena, l-Kunsillier inkarigat minn dawn iż-żewg oqsma, s-sur Alfred Attard żamm kuntatt kontinwu permezz ta' zjarat regolari kemm fic-Centru tas-Sahha kif ukoll fid-Dar tal-Anzjani. Il-messagg tal-Kunsill Lokali li jrid jahdem mill-qrib mat-tmexxija ta' dawn iż-żewg centri mportanti fil-belt taghna, qed jasal.

Fl-2013, organizzajna numru ta' attivitajiet immirati l-aktar biex inżommu l-anzjani taghna attivi. Fost dawn kien hemm:

- Zjara fil-presepju haj 'Betlehem f'Ghajnsielem' gewwa Ghawdex li nistghu nghidu huwa l-akbar attrazzjoni tal-Milied f'pajjizna.
- Zjara f'Ghawdex fil-Karnival tan-Nadur.
- Ghamilna gita ghal Sqallija fejn żorna diversi postijiet interessanti u li kelna konkorrenza tajba.

Minn dawn l-attivitajiet johrog car il-bzonn li l-Kunsill kollu jahdem aktar biex fl-attivitajiet li jorganizza minn zmien ghal zmien ikun hemm promozzjoni ahjar bil-ghan li tikber il-partecipazzjoni u l-konkorrenza tar-residenti.

**Relazzjonijiet Pubblici**

Fl-2013, bdilna l-format tal-pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali. Minn stil ta' gazzetta, hloqna 'newsletter' ta' livell ghola li bi kburija nghidu li ntlaqa'

tajjeb hafna mir-residenti. Apparti l-bidla fil-format, zidna n-numru ta' hargiet ghal tlieta fis-sena. Ahna nemnu li din il-pubblikazzjoni hija ta' livell gholi u konvinti li nistghu inwassluh lejn livell ghola milli hu.

Is-social media huwa wkoll mezz importanti, illum nghidu li probabbilment l-aktar effettiv f'dak li ghandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet pubblici. Fl-2013, il-Kunsill Lokali holoq pagna ufficjali tieghu fuq 'Facebook' li permezz taghha qieghed kontinwament jaggorna lir-residenti b'dak kollu li jkun ghaddej fil-lokalita.

## 4.8 Rapport ta' Hidma dwar Żgħażagh, Kultura u Ghaqdiet

**Zghazagh**

Kif sar f'dawn l-ahhar 4 snin, matul l-2013, il-Kunsill ippartecipa fil-kompetizzjoni tal-Kunsill Lokali Żgħażagh imnhedija mill-Agenzija Zghazagh. Peress li fl-ewwel żewg edizzjonijiet il-Kunsill taż-Żgħażagh ta' Bormla hareg rebbieh, kienet ser tkun difficli ferm li Bormla terga tirbah, madanakollu z-zghazagh taghna ppartecipaw u taw il-kontribut taghhom bl-ahjar mod possibli. Lejn l-ahhar tas-sena 2013, gie mahtur Kunsill Lokali taz-Zghazagh gdid ghas-sena 2014 u minnufih bdiet il-hidma biex iz-zghazagh ikunu l-katalisti tal-bidla li hija mehtiega.

**Ghaqdiet**

Konxji mill-htiega li jkun hemm kuntatt kontinwu mal-ghaqdiet Bormlizi, immedjatament kif inghataw ir-responsabbilitajiet lill-Kunsilliera mis-Sindku, saru diversi laqghat ma' hafna ghaqdiet. Matul dawn il-laqghat gew diskussi diversi temi fosthom id-diffikultajiet li qed jiffacjaw l-ghaqdiet fil-hidma taghhom u kif l-istess ghaqdiet jistghu jahdmu aktar flimkien u mal-Kunsill Lokali. Nemnu li l-ghaqdiet ghandhom hafna x'joffru u ghaldaqstant dak li hareg mill-laqghat li saru, ghandu jservi ta' pedament biex fis-snin li gejjin nibnu flimkien mal-ghaqdiet taghna Pjan ta' Hidma serju ghal Bormla ibbazat anke fuq dak li jahsbu huma. Dan ifisser li ser ikun hemm aktar laqghat xi jsiru biex dan l-ghan jintlahaq.

**Kultura**

L-ewwel sena ta' din il-legizlatura serviet ta' pjattaforma sabiex fuqha nibnu numru ta' inizjattivi kulturali. Hadna 'stock take' ta' dak li kien qed isir u ddiskutejna anke ma numru ta' persuni li jistghu jaghtuna parir professjonali f'dan il-qasam. Kien hemm diskussjonijiet sabiex l-attivitajiet ta' Jum Bormla li ghal dawn l-ahhar snin dejjem saru flimkien mal-Kommemorazzjoni 19 ta' Novembru 1944, jigu mifruda minn xulxin bil-ghan li l-Kommemorazzjoni 19 ta' Novembru tkun simplifikata u tigi ridotta ghal cerimonja filwaqt li l-attivitajiet ta Jum Bormla jkunu miftuha ghall-Bormlizi kollha.

Madanakollu, fl-2013, il-Kunsill żamm mat-tradizzjoni u Jum Bormla giet organizzata fid-19 ta' Novembru fejn matulha anke inghata l-unur 'Gieh Bormla'. Fil-jiem tal-Milied, il-Kunsill Lokali organizza attivita' ta' livell gholi bl-isem 'Christmas by the Dock'. F'din l-attivita', l-Kunsill kiser rekord nazzjonali permezz tat-tisjir fuq il-post tal-akbar pudina li nbieghet lill-pubbliku numeruż li attenda u l-flus kollha li ngabru mill-bejgh inghataw kollha lill-Fondazzjoni Puttinu Cares. Wara din l-esperjenza, l-Kunsill qed ihares il-quddiem sabiex permezz tal-hatra ta' Sotto Kumitat ghall-Organizzazzjoni ta' Attivitajiet f'Bormla, jitfassal pjan ghall-organizzazzjoni ta' attivitajiet f'Bormla li permezz taghhom nivvalorizzaw aktar l-identita' ta' Bormla.

## *5.0 Statement of income and expenditure (Siltiet mill-Annual Audit Report)*

**Statement of Income and Expenditure**

| | 2013<br>€ | 2012<br>€ |
|---|---|---|
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 430,293 | 429,483 |
| Income raised under Council Bye-Law | 2,610 | 2,671 |
| Income raised under Local Enforcement System | 2,931 | 3,592 |
| Investment Income | 394 | 331 |
| General Income | 47,070 | 79,643 |
| | **483,298** | **515,720** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 106,514 | 104,426 |
| Operations and maintenance | 237,510 | 291,071 |
| Administration and other Expenditure | 136,069 | 151,905 |
| | **480,093** | **547,402** |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **3,205** | **(31,682)** |

## *5.0 Statement of Affairs (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### Statement of Affairs

| | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 426,032 | 392,800 |
| Intangible assets | 287 | 383 |
| **Current Assets** | | |
| Trade and other receivables | 30,706 | 180,689 |
| Cash and bank balances | 50,185 | 59,628 |
| **Total Assets** | **507,210** | **633,500** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| Retained Earnings | 298,938 | 295,733 |
| Total Equity | 298,938 | 295,733 |
| **Non Current Liabilities** | | |
| Deferred income | 103,636 | 38,049 |
| **Current Liabilities** | | |
| Overdrawn Bank Balance | 193 | 17,540 |
| Payables | 104,443 | 282,178 |
| **Total Current Liabilities** | **104,636** | **299,718** |
| **Total Liabilities** | 208,272 | 337,767 |
| **Total Reserves and liabilities** | **507,210** | **633,500** |